**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

**23 t' April 2024**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 23 t' April 2024 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 69 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **69.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **69.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 69.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 68, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsilliera is-Sinj Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-viċi sindku s-Sur Anthony Bonavia. |
| **69.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 69.03.01 | Is-Sindku semma li attenda għall-konferenza flimkien mas-segretarju eżekuttiv dwar il-kunċert tal-Jum il-Ħelsien li ser issir illum 23 t' April 2024 f'dar il-Mediterran. |
| 69.03.02 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li saret laqgħa mal-kap tal-iskola u l-Onor. Dr. Miriam Dalli fejn ġie diskuss il-proġett ta' spazju miftuħ fuq il-bejt tal-iskola sabiex jiġi approvat bħala Green Roof u l-proġett issir mill-Project Green. Il-perit li ser jieħu ħsieb il-pjanti u l-istudju tal-piż għal fuq dan l-imsemmi bejt ser ikun il-perit tal-Ambjent Malta. |
| 69.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti dwar ic-Charging Pillar għall-van tal-kunsill fejn il-Gardjola hemm bżonn aktar riċerka minn ħabba sigurta u dan il-parkeġġ għall-van irrid jiġi approvat minn TM. |
| 69.03.04 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-art ta' fuq il-Forti San Mikiel ġiet devoluta lil kunsill u għalhekk il-kunsill ser jipproċedi bil-Bye law għall-użu ta' fuq il-forti San Mikiel għall-attivitajiet. |
| 69.03.05 | Is-sindku rċieva imejl minn għand is-Sur Kurt Pace sabiex issiru bollards tal-ħadid quddiem il-propjeta tiegħu fuq il-bankina għaliex qed jagħlqulu k-aċċess tal-bieb u kemm il-darba barxulu l-faċċata. Il-Kunsill kien applika mat-TM u Transport Malta ma tatx permess li jistgħu isiru dawn il-bollards iżda jistgħu issiru linji sofor quddiem il-garaxx jew tabella No Parking Sign jekk il-kunsill jaqbel. Wara diskussjoni jekk issirux il-linji sofor jew tabella il-kunsilliera ma qablux mad-deċiżjoni tat-TM. |
| 69.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li fl-opinjoni tiegħu wara li s-sala ġiet tranġata u mamra b'apparat ġdid ma tinkeriex għall-użu ta' festini mill-24 t' April 2024. Tintuża biss għall konferenzi, laqħat tal- |

| | |
|---|---|
| | kunsill u attivitajiet tal-kunsill biss. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma din id-deċiżjoni sakem il-kunsill ikollu aktar sigurta għaliex għalissa m'hemmx sigurta biżżejjed bejn is-sala u l-aċċess għall-uffiċini. |
| 69.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li tranġat il-kliem ta' taħt il-bust ta' Vitorin Galea għaliex ma kienux qed jidhru aktar. Saret ukoll plakka kommemorativa tal-ex sindku Louis Henwood u din ġiet imħallsa mit-tifla tiegħu Claire Henwood. |
| 69.03.08 | Is-sindku informa lil kunsilliera li l-filmat li kien hemm dwar tifel li kisser il-lasti tal-grawnd tressaq l-għassa u qed jagħmel xogħol għall-komunita bħala dixxiplina. |
| 69.03.09 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet id-deċiżżjoni tal-bord għan-nomina tal-Ġieħ L-Isla. Il-bord li kien kompost mil-Perit Fleur Ebejer, mis-Sur Joe Scerri, is-Sur Fabian Mangion, is-Sur John Portelli u s-Sur Adrian Falzon ġie deċiż li l-persuna nominata tkun is-Sur Achille Casha magħruf bħala Joe Casha ex sindku tal-kunsill tal-Isla għall tnejn u għoxrin sena, ħadem f'diversi għaqdiet kemm sportivi, politiċi, kulturali ġewwa l-Isla u ġemelaġġi barra minn xtutna. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament bid-deċiżjoni tal-bord tal-Ġieħ L-Isla. |
| 69.03.10 | Is-Sindku is-Sur Clive Pulis ressaq l-iskema SPI/SCI/03/2024 - INIZJATTIVA FINANZJARJA – LOKALITAJIET AKTAR NODFA sabiex fil-31 t' Awissu 2024 issir Clean Up Day f' Pjazza 4 ta' Settembru , Pjazza Benedittu XV, Pjazza Gorġ Mittrovich, Pjazza Andrea Debono, Open Gym u Ġnien il-Gardjola. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament dwar din l-Clean up Day. |
| **69.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 69.04.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk tistax tinxtara mera għan-niżla tal-ponta.<br><br>Is-Sindku infurmah li din ġiet ordnata. |

| | |
|---|---|
| 69.04.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Ġużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv sabiex il-lasti tal-grawnd jiġu iwweldjati mal-art minħabba periklu u jsiru bollards quddiem il-grada sabiex ma jidħlux karozzi fil-grawnd?<br><br>Is-sindku informa lis-Sur Anthony Bonavia li l-lasti ser jiġu irranġati u flimkien mal-kunsilliera qablu li issiru dawn il-bollards u li għandhom issiru l-CCTV. |
| 69.04.03 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Ġużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv sabiex tintbgħat imejl lil Infrastructure Malta biex issir Zebra Crossing quddiem il-knisja fi Triq il-Vitorja.<br><br>Is-sindku irrisponda sabiex tintbgħat din l-imejl u l-pjanti ta' Infrsustructure Malta lit-TM u lill-perit Rodney Micallef. |
| 69.04.04 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Ġużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv kif baqa' l-kunsill dwar id-dwal ta' mas-siġar tax-xatt?<br><br>Is-Sindku irrisponda li l-kunsill għadu ma rċiviex risposta minn għand l-ERA. |
| **69.5** | **Rapporti** |
| 69.5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Marzu 2024 u l-petty cash ta' Marzu 2024 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |

| | |
|---|---|
| **69.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 69.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 4/2024 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **69.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 69.07.1 | Is-Seduta ntemmet fil-5:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2024 fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum 21 ta' Mejju 2024

IFFIRMATA__________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv